Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TMIENJA U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 3 ta' Marzu 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 12.00pm | Sa | 1.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI (Skuzata) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-minuti gew approvati bla ebda korrezzjoni.

## 2. RAPPORT TA' HIDMA MIS-SINDKU

Is-Sur Cordina qal li wasalna fl-ahhar ta' din il-legislatura u li xtaq iwassal l-ahhar ftit punti. Qal li x-xoghol tal-gnien wasal kwazi fl-ahhar wara li giet solvuta l-problema tal-porfido li kien hemm zball fit-tender fuqhu u li l-kejl minn 120 metru kwadru elgha ghall-500 metru kwadru. Sar ftehim mal-kuntrattur u tnaqqas il-prezz tal-porfido kwazi bin-nofs. Is-Sur Ralph Cassar intervjena u qal li tnehhew is-sigar tal-ewcaliptus u ha jinzerghu ohrajn minflokhom. Is-Sur Marko Spiteri qal li rcieva telefonata li fuq parti minn Triq Xatbet l-Art m'hemmx bankina. Is-Sur Cordina qal li x-xoghol ta' din it-triq qieghed fil-budget ghall-Gvern Centrali u naturalment iridu jsiru site inspection qabel ma jinbeda x-xoghol sabiex isir xi forma ta' lqugh ta' l-ilma minhabba n-nies ta' faccata. Is-Sur John P. Bonnici qal li din qed tolqot lil hafna nies li kellhom juzghu din it-triq minhabba x-xogholijiet fil-gnien u kellhom jghaddu bi tfal mic-caflis huma u nezlin l-iskola.

Is-Sur Cordina qal ukoll li fid-9 ta' Frar kienu ltaqghu l-ufficcju waqt laqgha t-Aggudikazzjoni hu, s-Sur Spiteri, s-Sur Zammit u s-Sur Bonnici. Qal li tenders mitfughin kienu tnejn u li kienu jkopru l-apparat ta' Gnien Hal Warda u Gnien l-iStazzjon. Kompla billi qal li l-ghazla tal-apparat ta' Gnien l-iStazzjon thalliet ghal iktar il-quddiem imma l-ghazla tal-apparat ta' Gnien Hal Warda kienet iktar prominenti.

Hu qal li wara li harget l-EOI gew mitfugha l-prezzjiet miz-zewg kuntratturi nteressati li kienu Alhag Limited u Mario Mallia.

Qal li bi qbil unanimu gie deciz li l-apparat ta' Alhag Ltd.huwa iktar rezistenti b'garanzija ta' 25 sena w'ghalhekk ghalkemm id-differenza fil-prezz hi kwazi d-doppju hemm id-durabilita' u l-kwalita'.

Kien ghalhekk li gie maqbul li t-tender ghandha tinghata lill-Alhag Limited. Ghandha tintbaghat l-ittra t'accettazzjoni tat-Tender u jigi ffirmat il-kuntratt wara li ssir talba lill-Mepa ghall-fondi sabiex l-ispiza tigi koperta taht l-iskema tal-*Urban Improvements Fund.*

Fl-ahhar is-Sur Zammit fakkar fix-xiri ta' compactor u li kien tkellem fuqu mal-Works Co-ordinator. Is-Sur Cordina qal l-istima ta' dan il-compactor hi ta' Euro 800, li dan jinsab ordnat u kif jasal Malta ghandna nigu nfurmati.

**3. APPROVAZZJONI TA' FINANCIAL STATEMENT**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-Financial Statement li din is-sena gew approvati wara l-gheluq tad-data tas-sottomissjoni minhabba li l-Accountant precedenti halla l-Kunsill nofs lehja minghajr risposta ta' xejn u f'Jannar is-Segretarju Ezekuttiv kellha tiehu d-decizjoni u tqabbad l-Accountant ta' qabel li kellu jlesti kollox fi zmien xahar. Qalet li l-Gnien tefa' l-Kunsill f'deficit is-sena l-ohra u li peress li fl-2011 kellhom jibqghu isiru certu hlasijiet inkluz il-monitoragg, filwaqt li tkomplew attivitajiet kif kienu pjanati bhall-festival tac-ceramika tefgha l-Kunsill f'deficit din is-sena. Dawn gew approvati.

Is-Sur Bartolo qal li ghandha tkun prominenza ghal-legislatura li jmiss li jingiebu fondi minn sorsi ohra bhal ma qed issir mis-Sindku tal-Mellieha li gab hafna fondi mill-EU ghall-bosta progetti. Is-Sur Spiteri qal ukoll li prominenza ghandha tinghata wkoll lill-permessi mahruga mill-MEPA bhall-permessi ghall-bjut sabiex jinbnew penthouses. Is-Sur Cassar qal li dawn suppost waqfu imma li wiehed irid jara l-annu li nhargu. Is-Sur Spiteri qal li jkun ghaqli jekk il-Kunsill jippromwovi s-solar water heaters etc... . Is-Sur Cassar fakkar fil-*Mobility Plan* ghall-H'Attard sabiex wiehed ihares lejn dan il-pjan b'aktar professjonalita' u ghalhekk jitqabbad xi hadd professjonali.Is-Sur Spiteri fakkar li kien hemm approvati €2000 sabiex jithejjew il-pjanti.

Fl-ahharnett gew approvati wkoll il-hlasijiet tax-xhur Jannar u Frar 2012.

**4. RINGRAZZJAMENTI U AWGURI**

Is-Sur Stefan Cordina qal li din kienet l-ahhar laqgha ta' dan il-Kunsill u j'Alla kulhadd ikollu s-success fl-elezzjonijiet li se jsiru bhall-lum gimgha. Hu rringrazzja l-iStaff tal-pacenzja li hadu bihom u talab skuza jekk qatt xi darba b'xi mod urta lil xi hadd.

**5. PUNTI MQAJJMA**

Dan l-item gie maqbuz minhabba li kien ga gie ezawrit.

**6. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fis-1.00pm.

______________________ __________________

Sindku Data